*Irkejjen storiċi*

# Il-fdalijiet pre-istoriċi ta' Kordin

*minn Vincent Zammit*

Ħafna minna jafu bil-kwantità ta' fdalijiet pre-istoriċi li nsibu madwar il-gżejjer tagħna. Nafu kemm huma interessanti. Mhux għalina biss, iżda nafu kemm jiġu barranin ħalli jammiraw dak li l-antenati tagħna bnew u li għadhom weqfin sal-ġurnata ta' llum. Dawn huma verament ġawhar arkitettoniċi, li sfortunatament aħna stess ma tantx nieħdu ħsiebhom, kif jixraq. Forsi l-istess Maltin lanqas biss nindunaw kemm hawn fdalijiet imxerrdin ma' kullimkien. Nafu bl-aktar postijiet popolari u frekwentati mit-turisti, iżda l-postijiet iż-żgħar l-oħra, u dawk li ma jkunux miftuħa għall-pubbliku in ġenerali, ma tantx huma magħrufa. Minħabba f'hekk ma tantx nistgħu napprezzaw kull ħaġa li għandna. Lanqas ma nistgħu napprezzaw kemm aħna sinjuri f'dawn it-tip ta' fdalijiet.

Il-post li sejjer nikteb dwaru l-lum hu dak li hemm f'Kordin. Il-fdalijiet li aħna sejrin nitrattaw huma magħrufa bħala Kordin III, minħabba l-fatt li kienu diġà sabu żewġ gruppi ta' fdalijiet qabel ma kienu sabu dan il-kumpless. L-ewwel tnejn huma fil-verità ferm iżgħar minn dak li se nikteb dwaru.

Matul is-snin l-ewwel żewġ gruppi kienu sofrew ħafna, kemm minħabba li kienu nbnew xi fortifikazzjonijiet mill-awtoritajiet Ingliżi, kemm minħabba xi żvilupp ieħor li kien sar fl-inħawi. Biex tkompli tagħqad kien hemm ukoll xi ħsarat irrappurtati fuq it-tielet grupp ta' fdalijiet meta matul it-tieni gwerra dinjija kien hemm xi bombi li waqgħu fil-viċin.

## Kordin III

It-tempju magħruf b'dan in-numru kien misjub minn T.E. Peet, Thomas Ashby u Sir Themistocles Zammit. Fis-sena 1953 John Evans ħadem fuq dawn il-fdalijiet, bħalma kien għamel David Trump fis-sena 1961. Minn dak iż-żmien 'l hawn wieħed ma jistax jgħid li saru xi skavi.

Iżda kulma sar kien diversi tindif tal-post, uħud minnhom fejn ipparteċipajt jien stess, bħala membru tad-Dipartiment tal-Mużewijiet.

Wara li saru l-iskavi, u d-diversi ġebel tneħħa, kif ukoll kien imnaddaf il-post, wieħed beda jinduna li kien hemm kumpless, u mhux fdalijiet ta' tempju wieħed. Qiegħed jingħad hekk minħabba l-fatt li hemm diversi partijiet minn dawn il-fdalijiet li m'humiex konnessi ma' xulxin. Anzi jista' jingħad ukoll, li dawn il-fdalijiet lanqas biss jinfdu minn kamra għall-oħra. Għaldaqstant hu maħsub li hawnhekk kellna kumpless ta' tempju flimkien ma' diversi kmamar oħra.

Il-faċċata tat-tempju hi simili għal ħafna mit-tempji li nafu bihom. Ġebel li jifforma faċċata fit-tond, filwaqt li l-art ta' quddiem id-daħla hi kollha kemm hi ċċangjata. Din hi l-unika waħda li għad għandha dan l-arranġament fl-art ta' quddiem it-tempju. Għalkemm ma nstabux l-istess tip ta' ċċangjar quddiem it-tempji l-oħra, ma jfissirx li kien hawnhekk biss li kien hemm dan id-dettal.

Biss, jista' jkun li għalkemm it-tempji ġeneralment kienu jinbnew fuq l-istess stil, jista' jkun li kien ikun hemm dettalji li ma kinux jixxiebhu bejn tempju u ieħor. Minn dan l-arranġament wieħed jibda japprezza aktar kemm dawn in-nies li bnew it-tempji kienu verament jafu x'qegħdin jagħmlu, u kemm kienu jaħsbu dwar dak kollu li jkunu sejrin jagħmlu.

Fin-nofs tal-faċċata hemm id-daħla għat-tempju. L-art hawnhekk tkompli bl-istess stil, jiġifieri tibqa' dejjem iċċangjata. U l-art tibqa' hekk sakemm tasal sat-tarf ta' l-istess passaġġ li jdaħħlek 'il ġewwa mill-għatba tat-tempju. Interessanti hu l-fatt li żewġ passi 'l ġewwa mid-daħla hemm bħal ġebla li qiegħda tagħlaq il-passaġġ.

Naturalment hu possibbli li wieħed jgħolli sieqU u jgħaddi mingħajr problemi ta' xejn. Iżda fl-istess ħin nistgħu nispekulaw li hawnhekk kellna bħala simbolu li kien jagħti l-messaġġ li mhux kulħadd kien jista' jidħol 'il ġewwa minn dik id-daħla.

It-tempju hu maqsum fuq l-istil normali ta' tliet kmamar. Il-kmamar, bħas-soltu, m'humiex mibnija fil-kwadru, iżda dejjem fit-tond. Għalhekk hemm kamra fuq kull naħa tad-daħla, imbagħad naraw il-kamra li tiġi faċċata ta' l-istess daħla. Id-differenza qiegħda li maż-żmien tkomplew saru xi tibdiliet. Il-kamra tax-xellug kienet mifruda billi ħajt inbena fin-nofs tagħha. Il-kamra ċentrali kellha mbagħad bħal kamra żgħira oħra miżjuda fuq wara nett.

Ngħiduha ċara li llum il-ġurnata m'huwiex possibbli li wieħed ikun jaf għaliex saru dawn iż-żidiet u għal liema raġuni. Min jaf kemm kien hemm tibdil matul dawk il-mijiet ta' snin li t-tempji kienu qegħdin jintużaw minn dik il-komunità li kienet toqgħod fl-inħawi.

U wieħed jista' jgħid l-istess għad-diversi kmamar li nsibu fuq in-naħa ta' wara kif ukoll mal-ġnub ta' dan it-tempju ewlieni. Hemm uħud mill-fdalijiet li ma tantx jagħmlu sens, iżda fl-istess ħin wieħed irid jiftakar li hawnhekk kellna ħafna ħsarat matul iż-żmien u għaldaqstant jista' jkun li qegħdin nitilfu ħafna mis-sens tal-fdalijiet minħabba din ir-raġuni.




***Pjanta tal-fdalijiet pre-istoriċi magħrufa bħala Kordin III. Instab minn T.E. Peet, Thomas Ashby u Sir Temi Zammit***

**Dettalji dwar it-tempju**

Interessanti jekk inħarsu xi ftit lejn id-dettalji li niltaqgħu magħhom hawn. Per eżempju waħda mill-aktar affarijiet li qajmet diskussjonijiet hi ġebla mdaqqsa sew, li tinsab tagħlaq id-dħul għal waħda mill-kmamar fuq ix-xellug, u din għandha seba' postijiet imħaffrin fiha.

Dawn il-ħofor m'humiex fondi żżejjed, iżda tidher ukoll id-diviżjoni bejn naħa u oħra. Hu maħsub li dan m'għandu x'jaqsam xejn man-nies tat-tempji, għax skond is-suġġerimenti ta' esperti hu maħsub li dan kien sar min-nies ta' l-inħawi li kienu jieħdu l-fuħħar hemmhekk, u fuq din l-istess blata kienu joqogħdu jfarrkuh, biex ikun jista' jintuża bħala deffun.

Fl-istess ħin din tispjega wkoll għaliex in-nuqqas ta' ħafna fuħħar f'ċertu postijiet madwar Malta.

Mill-istudju tal-fuħħar li nstab hawnhekk hu maħsub li għalkemm jista' jkun li kien hemm xi bini li jmur qabel it-tempji, il-parti l-kbira tat-tempju u tal-fdalijiet imorru lura għaż-żmien tal-Ġgantija, jiġifieri li hu taż-żmien (3600-3200 sena qabel Kristu). Iżda dan ma jfissirx li l-post ma baqax jintuża wara din id-data.

Għax mid-diversi biċċiet tal-fuħħar li nstabu nafu li anki fuħħar ta' żmien il-Bronż instab. Għaldaqstant hawnhekk naraw l-istess storja li niltaqgħu magħha kważi fit-tempji kollha — jiġifieri li dan il-post kien mibni u abbandunat fi żmien it-tempji, biex imbagħad kompla kien użat min-nies li ġew wara.

Forsi t-tempju ta' Kordin m'huwiex daqshekk spettakulari. Iżda naħseb li xorta waħda ħaqqu li jkun stmat u rispettat aktar, għax hu parti mill-mużajk pre-istoriku tagħna.